MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 1432/1997/1

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Maria Assunta Saliba**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) in kwantu ghas-somma ta' mitjen u hamsin import ta' (10) ghaxar kambjali annessi mal-avviz u markati bhala dokumenti 1 sa Dok 10 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet in kwantu ghas-somma ta' ghoxrin lira (Lm20) bhala imghaxijiet legali dovuta mill-konvenuta fuq l-istess oltre dawk ulterjuri mid-data tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-istess kambjalijiet annessi a fol 2 sa fol 10 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fis-6 ta' Gunju 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm270.00,0 bl-imghaxijiet legali ulterjuri mill-15 ta' Lulju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------